PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2202(INI)

5.3.2008

EMENDI
1 - 13

Abbozz ta' opinjoni
Tatjana Ždanoka
(PE400.679v02-00)

dwar il-progress li sar fl-opportunitajiet ugwali u fin-non-diskriminazzjoni fl-UE (it-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE)
(2007/2202(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Marco Cappato, Sophia in 't Veld

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni, sabiex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw b'mod xieraq u fis-sħiħ mad-Direttiva 2000/78/KE, kellha tibgħat, fil-31 ta' Jannar 2008, opinjonijiet motivati minħabba n-nuqqas li timplimenta d-Direttiva lil għaxar Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, il-Finlandja u l-Iżvezja), kif ukoll ittra ta' intimazzjoni lill-Ġermanja u żewġ ittri ta' intimazzjoni kumplimentari lil-Latvja u lil-Litwanja; jinnota wkoll li ttieħdu l-ewwel passi ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Belġju u l-Islovakkja, id-Danimarka, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, l-Ispanja u r-Renju Unit, filwaqt li qed tiġi analizzata t-traspożizzjoni tad-Direttiva fl-Awstrija, fil-Lussemburgu, fil-Bulgarija u fir-Romanija; jistieden lil dawk l-Istati Membri sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva b'mod sħiħ u mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 2
Patrick Gaubert

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw l-istrumenti kollha disponibbli***, inkluża l-azzjoni pożittiva,*** biex jiżguraw l-ugwaljanza fil-prattika u biex jagħtu aktar piż lill-evidenza ta' diskriminazzjoni;	2. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw l-istrumenti kollha disponibbli biex jiżguraw l-ugwaljanza fil-prattika u biex jagħtu aktar piż lill-evidenza ta' diskriminazzjoni;

Or. fr

Emenda 3
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. *Jistieden għal* immonitorjar strett ta' l-applikazzjoni tar-regoli fuq il-bażi tal-provi;	3. *Jitlob għal* immonitorjar strett ta' l-applikazzjoni tar-regoli fuq il-bażi tal-provi ***u għall-preżentazzjoni ta' talbiet fl-interess pubbliku***;

Or. hu

Emenda 4
Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Huwa konxju li miżuri għall-ħarsien mid-diskriminazzjoni jagħtu lok għall-burokrazija u l-ispejjeż, b'mod partikulari għan-negozju; jirrakkomanda li dan jitqies fir-rigward ta' miżuri futuri u għalhekk jitlob għal attenzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' leġiżlazzjoni ulterjuri;

Or. de

Emenda 5
Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Jiddispjaċih li d-Direttivi ma jkoprux differenzi fit-trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità jew il-lingwa; jemmen li dawn id-differenzi, jekk mhux ġustifikati b'mod oġġettiv b'mira leġittima u miksuba bil-mezzi xierqa u meħtieġa, spiss jikkostitwixxu f'diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażijiet ta' oriġini razzjali jew etnika;	***imħassar***

Or. de

Emenda 6
Patrick Gaubert

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. ***Jiddispjaċih*** li ***d-Direttivi ma jkoprux*** differenzi fit-trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità jew il-lingwa***; jemmen li dawn id-differenzi, jekk mhux*** ġustifikati b'mod oġġettiv b'mira leġittima u miksuba bil-mezzi xierqa u meħtieġa, ***spiss*** jikkostitwixxu f'diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażijiet ta' oriġini razzjali jew etnika;	6. ***Iqis*** li differenzi fit-trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità jew il-lingwa ***li m'humiex*** ġustifikati b'mod oġġettiv b'mira leġittima u miksuba bil-mezzi xierqa u meħtieġa, ***jistgħu*** jikkostitwixxu f'diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażijiet ta' oriġini razzjali jew etnika;

Or. fr

Emenda 7
Marian-Jean Marinescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6a. Jikkunsidra li d-diskriminazzjoni għandha titqies ukoll li tinterferixxi ma' l-erba' libertajiet fundamentali – b'mod partikulari l-moviment ħieles tal-persuni – u b'hekk tkun ta' ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġixxi lill-Istati Membri jirrevedu d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni tagħhom li jirregolaw l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom sabiex jiġu eliminati d-differenzi bejn iċ-ċittadini Ewropej f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 8
Ignasi Guardans Cambó

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6a. Jiddispjaċih li d-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE ma jkoprux differenzi fit-trattament ta' natura diskriminatorja ibbażat fuq kriterji fiżiċi bħal ma huma t-tul jew il-karnaġġjon, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjieġi fejn ma hemm l-ebda konnessjoni diretta bejn dawn il-karatteristiċi fiżiċi u l-kapaċità meħtieġa biex wieħed iwettaq ix-xogħol ikkonċernat;

Or. es

Emenda 9
Manfred Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Iqis li l-komunitajiet ta' minorità, u b'mod partikulari dik tar-Roma, jeħtieġu ħarsien speċifiku soċjali, peress li l-problemi ta' l-isfruttament, diskriminazzjoni u esklużjoni saru aktar intensi fir-rigward tagħhom wara t-tkabbir;	***imħassar***

Or. de

Emenda 10
Patrick Gaubert

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Iqis li l-*komunitajiet ta' minorità*, ***u b'mod partikulari dik tar-Roma,*** jeħtieġu ħarsien speċifiku soċjali, peress li l-problemi ta' l-isfruttament, diskriminazzjoni u esklużjoni saru aktar intensi fir-rigward tagħhom wara t-tkabbir;	9. Iqis li l-*komunitajiet ta' minoranzi* jeħtieġu ħarsien speċifiku soċjali, peress li l-problemi ta' l-isfruttament, *tad-*diskriminazzjoni u *ta' l-*esklużjoni saru aktar intensi fir-rigward tagħhom wara t-tkabbir;

Or. fr

Emenda 11
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Iqis li l-*komunitajiet ta' minorità*, u b'mod partikulari dik tar-Roma, jeħtieġu	9. Iqis li l-*komunitajiet ta' minoranzi*, u b'mod partikulari dik tar-Roma, jeħtieġu

ħarsien speċifiku soċjali, peress li l-problemi ta' l-isfruttament, diskriminazzjoni u esklużjoni saru aktar intensi fir-rigward tagħhom wara t-tkabbir;	ħarsien speċifiku soċjali, peress li l-problemi ta' l-isfruttament, *tad-*diskriminazzjoni u *ta' l-*esklużjoni saru aktar intensi fir-rigward tagħhom wara t-tkabbir ***fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa, ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-impjieg***;

Or. hu

Emenda 12
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9a. Jirrakkomanda li, fir-rigward ta' edukazzjoni ta' kwalità għal tfal żvantaġġati u tar-Roma u l-klassifikazzjoni tagħhom mhux ġustifikata bħala diżabbli, tingħata attenzjoni speċjali li tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni li tinsab fil-qasam ta' l-edukazzjoni;

Or. hu

Emenda 13
Marco Cappato, Sophia in 't Veld

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta malajr kemm jista' jkun il-proposta tagħha għal direttiva orizzontali li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali barra mill-impjieg, inkluż l-aċċess għall-prodotti, għas-servizzi u l-akkomodazzjoni, għall-edukazzjoni, għall-

ħarsien soċjali u l-vantaġġi soċjali, għall-immigrazzjoni u l-ażil, u li jkun kopert kull bażi ta' diskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 13 tat-Trattat KE;

Or. en